PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2014/2236(INI)**

26.5.2015

# EMENDI
# 1 - 180

**Abbozz ta' rapport**
**Verónica Lope Fontagné**
(PE554.751v01-00)

dwar l-Intraprenditorja Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad
(2014/2236(INI))

**Emenda 1**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Intestatura 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| dwar l-Intraprenditorja Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad | dwar ***l-Ekonomija Soċjali,*** l-Intraprenditorja Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad |

Or. fr

**Emenda 2**
**Elena Gentile, Brando Benifei, Jens Nilsson**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-kontribut tal-kooperattivi biex tingħeleb il-kriżi (2012/2321(INI) P7_TA(2013)0301;*** |

Or. fr

**Emenda 3**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 bl-isem "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)192);*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 10b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2013 bit-titolu "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020" (COM(2013)83);*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-ekonomija soċjali timpjega aktar minn 14-il miljun persuna, li jirrappreżentaw madwar ***6,5 %*** tal-ħaddiema tal-UE; billi hemm 2 miljun intrapriża tal-ekonomija soċjali fl-UE, li jirrappreżentaw 10 % tan-negozji tal-UE; | A. billi l-ekonomija soċjali ***u solidali*** timpjega aktar minn 14-il miljun persuna, li jirrappreżentaw madwar ***6.5 %*** tal-ħaddiema tal-UE; billi hemm 2 miljun intrapriża tal-ekonomija soċjali ***u solidali*** fl-UE, li jirrappreżentaw 10 % tan-negozji tal-UE; |

***(Din hija emenda trażversali biex it-terminu 'l-ekonomija soċjali' jinbidel bit-terminu 'l-ekonomija soċjali u solidali' fit-test kollu)***

Or. fr

**Emenda 6**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu***, kif ukoll il-qgħad*** fit-tul; | B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu ***b'mod ċar u flimkien mal-qgħad*** fit-tul; |

Or. it

**Emenda 7**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul; | B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul***, u b'hekk il-persuni b'diżabilità fl-UE jiġu esposti dejjem aktar għar-riskju tal-faqar u jiżdied b'mod drammatiku n-numru ta' ċittadini Ewropej qiegħda għal aktar minn sena***; |

Or. hu

**Emenda 8**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul; | B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul; ***billi l-kriżi ekonomika u finanzjarja għandha tkun opportunità għall-evoluzzjoni tal-mudell ekonomiku tal-Unjoni Ewropea, sabiex ikun aktar sostenibbli u jirrispetta aktar il-bilanċi umani, soċjali, u ambjentali;*** |

Or. fr

**Emenda 9**
**Enrique Calvet Chambon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul; | B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul ***u l-inugwaljanzi soċjali***; |

Or. fr

**Emenda 10**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u | B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u |

| | |
|---|---|
| finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul; | finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad ***fost iż-żgħażagħ u*** fit-tul; |

Or. it

**Emenda 11**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul; | B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu ***b'mod sinifikanti***, kif ukoll il-qgħad fit-tul ***u l-qgħad fost iż-żgħażagħ***; |

Or. en

**Emenda 12**
**Neoklis Sylikiotis, Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Tania González Peñas, Patrick Le Hyaric, Lynn Boylan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul; | B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, ***il-politiki imposti fuq l-Istati Membri taħt programmi ta' rikostruzzjoni, u l-approfondiment tal-qafas tal-governanza ekonomika,*** il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu, kif ukoll il-qgħad fit-tul; |

Or. en

**Emenda 13**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-fornituri ta' appoġġ soċjali u ta' servizzi tas-saħħa, li ħafna minnhom huma intrapriżi soċjali, jirrappreżentaw wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tkabbir tal-impjieg fl-UE, li ħoloq 1.3 miljun impjieg bejn l-2009 u l-2013; juri l-kapaċità doppja tas-settur li joħloq impjiegi ġodda anke fi żminijiet ta' kriżi filwaqt li jsaħħaħ ukoll il-koeżjoni soċjali u territorjali fl-Ewropa; b'mod partikolari billi jgħin biex utenti tas-servizzi jiddaħħlu fl-impjieg.*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-ekonomija soċjali u solidali tagħti prijorità lill-bniedem qabel il-profitt u s-sodisfazzjon tal-bżonnijiet kollettivi qabel l-għanijiet kwantitattivi, u li b'konsegwenza din tista' tiġi rikonoxxuta mhux biss bħala settur tal-ekonomija produttiva iżda vettur ta' bidla lejn mudell iktar sostenibbli u li jirrispetta aktar il-bilanċi umani, soċjali u ambjentali;*** |

Or. fr

**Emenda 15**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. iqis il-konferenza "L-isfruttament tal-potenzjal tal-ekonomija soċjali għat-tkabbir tal-UE" li saret f'Ruma fis-17 u t-18 ta' Novembru 2014, li fiha ġie rikonoxxut li l-ekonomija soċjali għandha rwol ewlieni fil-pajjiżi Ewropej u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' diversi għanijiet ewlenin tal-UE bħall-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi, il-koeżjoni soċjali, l-innovazzjoni soċjali, l-iżvilupp rurali u reġjonali jew il-protezzjoni ambjentali;*** |

Or. es

**Emenda 16**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi ż-żieda tar-rata ta' xogħol tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena minn 69 % għal mill-inqas 75 % u t-tnaqqis b'25 % tan-numru ta' Ewropej li jgħixu taħt il-linja tal-faqar nazzjonali, billi jitneħħew mill-faqar iktar minn 20 miljun persuna, huma għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 li għadhom ma nkisbux;*** |

Or. it

**Emenda 17**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bb. billi d-Dikjarazzjoni ta' Strasburgu ta' Jannar 2014 tiddikjara li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom jaqdu rwol aktar importanti fil-futur tal-Ewropa;*** |

Or. es

**Emenda 18**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bc (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bc. billi l-UE hija r-reġjun b'popolazzjoni li qed tixjieħ u b'żieda tal-popolazzjoni l-aktar baxxa fid-dinja; billi, skont it-tbassir, fl-2050 l-età medja fl-UE se taqbeż il-50 sena; billi l-popolazzjoni li qed tixjieħ, flimkien mal-bidliet demografiċi joħolqu sfida għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;*** |

Or. es

**Emenda 19**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali | C. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali |

huma aktar flessibbli u innovattivi, joffru kundizzjonijiet favorevoli ta' xogħol u ***adatti*** aħjar għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali;

huma aktar flessibbli u innovattivi, ***jistgħu*** joffru kundizzjonijiet favorevoli ta' xogħol u ***jadattaw ruħhom*** aħjar għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali;

Or. fr

**Emenda 20**
**Enrique Calvet Chambon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma aktar flessibbli u innovattivi, joffru kundizzjonijiet favorevoli ta' xogħol u adatti aħjar għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali; | C. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma aktar flessibbli u innovattivi, ***minħabba li huma interessati li jtejbu s-soċjetà u ċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali,*** joffru kundizzjonijiet favorevoli ta' xogħol u adatti aħjar għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali ***u fuq kollox ikunu mħassba dwar il-benessri tas-soċjetà***; |

Or. fr

**Emenda 21**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Elena Gentile, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali ***huma aktar*** flessibbli u innovattivi***, joffru kundizzjonijiet favorevoli*** ta’ xogħol u ***adatti aħjar*** għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali; | C. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali ***joffru kundizzjonijiet*** flessibbli u innovattivi ta’ xogħol u ***huma kapaċi jadattaw*** għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali; |

Or. en

**Emenda 22**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-fornituri ta' appoġġ soċjali u ta' servizzi tas-saħħa, li ħafna minnhom huma intrapriżi soċjali, jirrappreżentaw wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tkabbir tal-impjieg fl-UE, li ħoloq 1.3 miljun impjieg bejn l-2009 u l-2013;*** |

Or. en

**Emenda 23**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Brando Benifei, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma kkaratterizzati ***minn*** involviment qawwi ta' membri jew imsieħba tagħhom fil-ġestjoni tal-kumpanija u trasparenza għolja tal-operazzjonijiet tagħhom u jirrispondu għad-domanda li dejjem tikber taċ-ċittadini għal imġiba b'etika intraprenditorjali, soċjali u li tħares l-ambjent; | D. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma kkaratterizzati ***mill-governanza demokratika tagħhom,*** involviment qawwi ta' membri jew imsieħba tagħhom fil-ġestjoni tal-kumpanija u trasparenza għolja tal-operazzjonijiet tagħhom u jirrispondu għad-domanda li dejjem tikber taċ-ċittadini għal imġiba b'etika intraprenditorjali, soċjali u li tħares l-ambjent; |

Or. fr

**Emenda 24**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jkopru firxa wiesgħa ta' soċjetajiet, u li ħafna minn dawn il-kumpaniji mhumiex rikonoxxuti minn qafas legali fil-livell Ewropew u huma rikonoxxuti biss fil-livell nazzjonali f'xi Stati Membri, li għandhom forom legali differenti; | E. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jkopru firxa wiesgħa ta' soċjetajiet, u li ħafna minn dawn il-kumpaniji mhumiex rikonoxxuti minn qafas legali ***uniformi*** fil-livell Ewropew u huma rikonoxxuti biss fil-livell nazzjonali f'xi Stati Membri, li għandhom forom legali differenti; |

Or. it

**Emenda 25**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jkopru firxa wiesgħa ta' soċjetajiet, u li ħafna minn dawn il-kumpaniji mhumiex rikonoxxuti minn qafas legali fil-livell Ewropew ***u*** huma rikonoxxuti biss fil-livell nazzjonali f'xi Stati Membri, li għandhom forom legali differenti; | E. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jkopru firxa wiesgħa ta' soċjetajiet, u li ħafna minn dawn il-kumpaniji mhumiex rikonoxxuti minn qafas legali fil-livell Ewropew ***izda*** huma rikonoxxuti biss fil-livell nazzjonali f'xi Stati Membri, li għandhom forom legali differenti; |

Or. en

**Emenda 26**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-kumpaniji kooperattivi jipprovdu impjiegi ta' kwalità mhux mobbli, miftuħa għal kulħadd u reżistenti għall-kriżi; billi, permezz tal-mudell għall-kummerċ kooperattiv tagħhom, żiedu l-*** |

***qligħ u t-tkabbir waqt il-kriżi, bi ftit fallimenti u sensji;***

Or. fr

**Emenda 27**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Emilian Pavel, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi ***l-innovazzjoni*** soċjali ***tirreferi għal ideat ġodda, kemm jekk prodotti, servizzi, jew mudelli ta' organizzazzjoni soċjali, immirati lejn l-indirizzar għal talbiet ġodda u l-isfidi soċjali u ambjentali bħall-popolazzjoni li qed tixjieħ, bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u familjari, il-ġestjoni tad-diversità, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-bidla fil-klima***; | F. billi ***"innovazzjonijiet*** soċjali***" huma innovazzjonijiet li huma soċjali kemm fil-finijiet tagħhom kif ukoll fil-mezzi li jużaw biex jaslu għal dawk il-finijiet u b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda (dwar prodotti, servizzi u mudelli) li fl-istess ħin jissodisfaw il-ħtiġijiet soċjali u joħolqu relazzjonijiet soċjali jew kollaborazzjonijiet ġodda, biex b'hekk ikunu ta' benefiċċju għas-soċjetà u jagħtu spinta lill-kapaċità tagħha li taġixxi***; |

Or. en

**Emenda 28**
**Enrique Calvet Chambon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi l-innovazzjoni soċjali tirreferi għal ideat ġodda, kemm jekk prodotti, servizzi, jew mudelli ta' organizzazzjoni soċjali, immirati lejn l-indirizzar għal talbiet ġodda u l-isfidi soċjali u ambjentali bħall-popolazzjoni li qed tixjieħ, bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u familjari, il-ġestjoni tad- | F. billi l-innovazzjoni soċjali tirreferi għal ideat ġodda, kemm jekk prodotti, servizzi, jew mudelli ta' organizzazzjoni soċjali, immirati lejn l-indirizzar għal talbiet ġodda u l-isfidi soċjali***, territorjali*** u ambjentali bħall-popolazzjoni li qed tixjieħ, bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u familjari, il- |

| | |
|---|---|
| diversità, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-bidla fil-klima; | ġestjoni tad-diversità, il-qgħad fost iż-żgħażagħ***, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità, id-deżertifikazzjoni tar-reġjuni rurali,*** u l-bidla fil-klima***, fost oħrajn***; |

Or. fr

**Emenda 29**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi l-innovazzjoni soċjali tirreferi għal ideat ġodda, kemm jekk prodotti, servizzi, jew mudelli ta' organizzazzjoni soċjali, immirati lejn l-indirizzar għal talbiet ġodda u l-isfidi soċjali u ambjentali bħall-popolazzjoni li qed tixjieħ, bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u familjari, il-ġestjoni tad-diversità, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-bidla fil-klima; | F. billi l-innovazzjoni soċjali tirreferi għal ideat ġodda, kemm jekk prodotti, servizzi, jew mudelli ta' organizzazzjoni soċjali, immirati lejn l-indirizzar għal talbiet ġodda u l-isfidi soċjali u ambjentali bħall-popolazzjoni li qed tixjieħ, bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u familjari, il-ġestjoni tad-diversità, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-bidla fil-klima***, il-bżonn li jinħoloq mudell professjonali differenti minn dak maħluq s'issa***; |

Or. it

**Emenda 30**
**Neoklis Sylikiotis, Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Lynn Boylan, Patrick Le Hyaric, Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi l-innovazzjoni soċjali tirreferi għal ideat ġodda, kemm jekk prodotti, servizzi, jew mudelli ta' organizzazzjoni soċjali, immirati lejn l-indirizzar għal talbiet ġodda u l-isfidi soċjali u ambjentali bħall- | F. billi l-innovazzjoni soċjali tirreferi għal ideat ġodda, kemm jekk prodotti, servizzi, jew mudelli ta' organizzazzjoni soċjali, immirati lejn l-indirizzar għal talbiet ġodda u l-isfidi soċjali u ambjentali bħall- |

| | |
|---|---|
| popolazzjoni li qed tixjieħ, bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u familjari, il-ġestjoni tad-diversità, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-bidla fil-klima; | popolazzjoni li qed tixjieħ, bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u familjari, il-ġestjoni tad-diversità, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-bidla fil-klima***, iżda taħt l-ebda ċirkostanza ma tista' tieħu post ir-rwol tal-Istat soċjali***; |

Or. en

**Emenda 31**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Emilian Pavel, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi l-investimenti soċjali huma investimenti fil-persuni mfassla biex isaħħu l-ħiliet u l-kapaċitajiet tagħhom u jappoġġjawhom biex jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja tax-xogħol u soċjali; billi l-investimenti soċjali ġeneralment jirreferu għal politiki fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-indukrar tat-tfal, il-kura tas-saħħa, it-taħriġ, l-għajnuna għat-tfittix ta' impjieg u r-riabilitazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 32**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi n-nuqqas ta' rikonoxximent li f'ħafna każijiet jaffrontaw il-kumpaniji fl-ekonomija soċjali jagħmluhom aktar diffiċli għall-aċċess għall-finanzi, kemm pubbliċi u privati; billi ***l-intrapriżi*** tal- | G. billi n-nuqqas ta' rikonoxximent li f'ħafna każijiet jaffrontaw il-kumpaniji fl-ekonomija soċjali jagħmluhom aktar diffiċli għall-aċċess għall-finanzi, kemm pubbliċi u privati; billi ***l-Fondi Strutturali*** |

| | |
|---|---|
| ekonomija soċjali ***huma prinċipalment SMEs u mikrointrapriżi***; | ***u l-programmi tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-finanzjament tal-intrapriżi*** tal-ekonomija soċjali ***li jkopru firxa kbira ta' tipi ta' kumpaniji (kooperattivi, mutwi, fondazzjonijiet, assoċjazzjonijiet jew forom ġodda ta' intrapriżi soċjali) u ta' daqsijiet ta' kumpaniji anke jekk ikunu prinċipalment SMEs***; |

Or. fr

**Emenda 33**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi n-nuqqas ta' rikonoxximent li f'ħafna każijiet ***jaffrontaw*** il-kumpaniji fl-ekonomija soċjali jagħmluhom aktar diffiċli għall-aċċess għall-finanzi, kemm pubbliċi u privati; billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma prinċipalment SMEs u mikrointrapriżi; | G. billi n-nuqqas ta' rikonoxximent li f'ħafna każijiet ***huma affrontati bihom*** il-kumpaniji fl-ekonomija soċjali jagħmluhom aktar diffiċli għall-aċċess għall-finanzi, kemm pubbliċi u privati; billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma prinċipalment SMEs u mikrointrapriżi; |

Or. en

**Emenda 34**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi n-nuqqas ta' rikonoxximent li f'ħafna każijiet jaffrontaw il-kumpaniji fl-ekonomija soċjali jagħmluhom aktar diffiċli għall-aċċess għall-finanzi, kemm pubbliċi u privati; billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma prinċipalment | G. billi n-nuqqas ta' rikonoxximent ***bħala atturi ekonomiċi*** li f'ħafna każijiet jaffrontaw il-kumpaniji fl-ekonomija soċjali jagħmluhom aktar diffiċli għall-aċċess għall-finanzi, kemm pubbliċi u privati; billi l-intrapriżi tal-ekonomija |

| | |
|---|---|
| SMEs u mikrointrapriżi; | soċjali huma prinċipalment SMEs u mikrointrapriżi; |

Or. fr

**Emenda 35**
**Neoklis Sylikiotis, Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Patrick Le Hyaric, Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***H. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu oqsma ta' prijorità fl-iżvilupp tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ tagħna;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Emilian Pavel, Brando Benifei**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu oqsma ta' prijorità fl-iżvilupp tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ ***tagħna***; | H. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu oqsma ta' prijorità fl-iżvilupp ***tal-kultura u t-teħid ta' riskju*** tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ; |

Or. en

**Emenda 37**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu oqsma ta' prijorità fl-iżvilupp tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ ***tagħna***; | H. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu oqsma ta' prijorità fl-iżvilupp ***tal-kultura*** tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ; |

Or. en

**Emenda 38**
**Iratxe García Pérez**
f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
**Barbara Matera**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi d-disparità bejn is-sessi fl-intraprenditorija soċjali hija iżgħar minn dik fil-forom tradizzjonali ta' intraprenditorija; billi l-intraprendituri soċjali nisa jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis fl-esklużjoni soċjali u l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' żvilupp ġodda;*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi huwa meħtieġ li jingħataw taħriġ u kwalifika mill-ġdid tal-kompetenzi għan-nies qiegħda fit-tul fis-settur soċjali sabiex ikollhom opportunitajiet ġodda f'ambjent innovattiv bħal dak tal-ekonomija soċjali;*** |

Or. it

**Emenda 40**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk ***aktar imbiegħda*** mis-suq tax-xogħol; | I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol ***b'mod speċjali*** għal dawk ***l-aktar esklużi*** mis-suq tax-xogħol; |

Or. en

**Emenda 41**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk ***aktar imbiegħda*** mis-suq tax-xogħol; | I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk ***l-aktar esklużi*** mis-suq tax-xogħol; |

Or. de

**Emenda 42**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi ***l***-ekonomija soċjali u, b'mod | I. billi ***l-intrapriżi tal***-ekonomija soċjali u, |

| | |
|---|---|
| partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol; | b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol; |

Or. es

**Emenda 43**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari ***l-kumpaniji*** li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk ***aktar imbiegħda*** mis-suq tax-xogħol; | I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari ***l-appoġġ għall-impjieg, il-kumpaniji*** li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk ***li fil-maġġoranza tal-każijiet huma esklużi*** mis-suq tax-xogħol; |

Or. en

**Emenda 44**
**Iratxe García Pérez**
f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
**Barbara Matera**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol; | I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol; ***fosthom għall-ħaddiema nisa, żgħażagħ u dawk żvantaġġati;*** |

Or. en

**Emenda 45**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol; | I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol***, bħall-persuni b'diżabilità, in-nies qiegħda fit-tul u l-gruppi l-aktar vulnerabbli***; |

Or. it

**Emenda 46**
**Jeroen Lenaers**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk ***aktar*** imbiegħda mis-suq tax-xogħol; | I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk ***l-aktar*** imbiegħda mis-suq tax-xogħol; ***billi l-Istati Membri jistgħu jwettqu riċerka dwar il-fattibbiltà ta' skema ta' dispensa għall-intrapriżi soċjali li jirreklutaw persuni qiegħda jew persuni fuq il-benefiċċji;*** |

Or. nl

**Emenda 47**
**Jeroen Lenaers**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk ***aktar*** imbiegħda mis-suq tax-xogħol; | I. billi l-ekonomija soċjali u, b'mod partikolari l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, joffru opportunitajiet ta' xogħol għal dawk ***l-aktar*** imbiegħda mis-suq tax-xogħol***, b'mod speċjali persuni aktar anzjani, fid-dawl tal-qgħad fit-tul li huwa mistenni li jseħħ fosthom***; |

Or. nl

**Emenda 48**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi l-ekonomija soċjali u solidali hija bbażata fuq l-awtoorganizzazzjoni, u l-missjoni tal-awtoritajiet pubbliċi hija li jappoġġjaw l-iżvilupp tagħha billi jiffavorixxu ambjent politiku u legali adegwat; billi għaldaqstant huwa importanti għall-awtoritajiet pubbliċi li ma jillimitawx l-intrapriżi soċjali u solidali f'qafas teknokratiku sabiex ma jiġix ostakolat l-iżvilupp tagħhom;*** |

Or. fr

**Emenda 49**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi l-effett kumplimentari u supplimentari tal-ekonomija soċjali huwa importanti wkoll flimkien ma' miżuri oħra li jippromwovu l-impjieg u billi għandha*** |

| | |
|---|---|
| | ***tingħata aktar attenzjoni għas-soluzzjonijiet li jippromwovu r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni mingħajr il-kapaċitajiet l-aktar bażiċi u l-mezzi suffiċjenti ta' kompetittività sabiex aktar 'il quddiem ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-vantaġġi offruti mis-soluzzjonijiet l-aktar innovattivi tal-ekonomija soċjali;*** |

Or. hu

**Emenda 50**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi kull titjib fis-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-Istati Membri għandu jsir flimkien ma' appoġġ intensiv għat-tkabbir inklussiv u sostenibbli u l-ħolqien ta' impjieg ta' kwalità;*** |

Or. fr

**Emenda 51**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi d-djalogu soċjali huwa essenzjali għall-funzjonament tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE u kruċjali għall-promozzjoni kemm tal-kompetittività kif ukoll tal-korrettezza; billi d-djalogu soċjali u l-konsultazzjoni tas-sħab soċjali*** |

| | |
|---|---|
| | ***fi ħdan it-tfassil ta' politika tal-UE jirrappreżentaw innovazzjoni soċjali prinċipali;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi l-akkwist pubbliku spiss jieħu l-forma ta' offerti kbar ta' darba għal servizzi jew provvisti li jistgħu jeskludu atturi iżgħar;*** |

Or. en

**Emenda 53**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Elena Gentile, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jafferma li ***n-negozji*** fl-ekonomija soċjali ***huma dawk in-negozji*** li ***l-objettiv prinċipali tagħhom huwa r-realizzazzjoni tal-għan soċjali tagħhom, kemm jekk ħolqien ta' impjiegi għal gruppi vulnerabbli, il-forniment ta' servizzi lill-membri tagħhom jew, b'mod ġenerali, il-ġenerazzjoni ta' impatt*** soċjali ***u ambjentali pożittiv, fuq il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji għall-membri tagħhom jew sħab, billi jerġgħu jiġu investiti l-profitti tagħhom biex jintlaħqu dawk l-għanijiet; jinnota li, minkejja d-differenzi legali u tal-attività tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali tal-UE,*** | 1. Jafferma li ***n-negozju*** fl-ekonomija soċjali ***tfisser impriża, irrispettivament mill-forma legali tagħha, li:*** |

***dawn għandhom numru ta' karatteristiċi komuni u rikonoxxibbli***;

***(a) f'konformita' mal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni, Statuti jew ma' kwalunkwe dokument legali ieħor*** li ***tkun stabbilita permezz tiegħu, għandha, bħala l-objettiv primarju tagħha, l-ilħuq ta' impatti soċjali pożittivi li jistgħu jitkejlu, aktar milli l-ġenerazzjoni ta' profitti għas-sidien, il-membri u l-partijiet interessati tagħha, u li:***

***(i) tipprovdi servizzi jew prodotti li jiġġeneraw rendiment soċjali u/jew***

***(ii) timpjega metodu ta' produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi li jinkludu l-objettiv*** soċjali ***tagħha;***

***(b) tinvesti l-profitti tagħha l-ewwel u qabel kollox biex tilħaq l-objettiv primarju tagħha u jkollha proċeduri u regoli predefiniti li jkopru kwalunkwe distribuzzjoni tal-profitti lill-partijiet interessati jew lis-sidien, sabiex ikun żgurat li tali distribuzzjoni ta' profitti ma timminax l-objettiv primarju; u,***

***(c) tkun immaniġġjata b'mod intraprenditorjali, responsabbli u trasparenti, b'mod partikolari billi jiġu involuti l-ħaddiema, klijenti u partijiet interessati affettwati mill-attivitajiet ta' negozju tagħha***[1a];

---

[1a] ***[Ġustifikazzjoni: din id-definizzjoni tagħmel referenza għall-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm Ewropew għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI")]***

Or. en

**Emenda 54**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jafferma li ***n-negozji fl-ekonomija*** soċjali huma dawk in-negozji li l-objettiv prinċipali tagħhom huwa r-realizzazzjoni tal-għan soċjali tagħhom, kemm jekk ħolqien ta' impjiegi għal gruppi vulnerabbli, il-forniment ta' servizzi lill-membri tagħhom jew, b'mod ġenerali, il-ġenerazzjoni ta' impatt soċjali u ambjentali pożittiv, ***fuq il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji*** għall-membri tagħhom jew sħab, ***billi*** jerġgħu jiġu investiti ***l-profitti tagħhom*** biex jintlaħqu dawk l-għanijiet; jinnota li, minkejja d-differenzi legali u tal-attività tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali tal-UE, dawn għandhom numru ta' karatteristiċi komuni u rikonoxxibbli; | 1. Jafferma li ***l-intrapriżi tal-ekonomija*** soċjali huma dawk in-negozji li l-objettiv prinċipali tagħhom huwa r-realizzazzjoni tal-għan soċjali tagħhom, ***li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali mhux neċessarjament iridu jkunu organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ,*** kemm jekk ħolqien ta' impjiegi għal gruppi vulnerabbli, il-forniment ta' servizzi lill-membri tagħhom jew, b'mod ġenerali, il-ġenerazzjoni ta' impatt soċjali u ambjentali pożittiv, ***u li l-massimizzazzjoni tal-profitti*** għall-membri tagħhom jew sħab ***għandha rwol sekondarju***, ***u l-profitti tagħhom*** jerġgħu jiġu investiti ***primarjament*** biex jintlaħqu dawk l-għanijiet; jinnota li, minkejja d-differenzi legali u tal-attività tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali tal-UE, dawn għandhom numru ta' karatteristiċi komuni u rikonoxxibbli; |

Or. de

**Emenda 55**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jgħid li n-negozji fl-ekonomija soċjali huma dawk in-negozji li ***l-objettiv prinċipali tagħhom*** huwa r-realizzazzjoni tal-***għan*** soċjali tagħhom, kemm jekk ħolqien ta' impjiegi għal gruppi vulnerabbli, il-forniment ta' servizzi lill-membri tagħhom jew, b'mod ġenerali, il-ġenerazzjoni ta' impatt soċjali u ambjentali pożittiv, fuq il-massimizzazzjoni tal- | 1. Jgħid li n-negozji fl-ekonomija soċjali huma dawk in-negozji li ***l-għan tagħhom*** huwa r-realizzazzjoni tal-***għan*** soċjali tagħhom, kemm jekk ħolqien ta' impjiegi għal gruppi vulnerabbli, il-forniment ta' servizzi lill-membri tagħhom jew, b'mod ġenerali, il-ġenerazzjoni ta' impatt soċjali u ambjentali pożittiv, fuq il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji għall- |

| | |
|---|---|
| benefiċċji għall-membri tagħhom jew sħab, billi jerġgħu jiġu investiti l-profitti tagħhom biex jintlaħqu dawk l-għanijiet; jinnota li, minkejja d-differenzi legali u tal-attività tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali tal-UE, dawn għandhom numru ta' karatteristiċi komuni u rikonoxxibbli; | membri tagħhom jew sħab, billi jerġgħu jiġu investiti l-profitti tagħhom biex jintlaħqu dawk l-għanijiet; jinnota li, minkejja d-differenzi legali u tal-attività tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali tal-UE, dawn għandhom numru ta' karatteristiċi komuni u rikonoxxibbli; |

Or. es

**Emenda 56**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Brando Benifei, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jafferma li n-negozji fl-ekonomija soċjali huma dawk in-negozji li l-objettiv prinċipali tagħhom huwa r-realizzazzjoni ***tal-għan*** soċjali tagħhom, kemm jekk ħolqien ta' impjiegi għal gruppi vulnerabbli, il-forniment ta' servizzi lill-membri tagħhom jew, b'mod ġenerali, il-ġenerazzjoni ta' impatt soċjali u ambjentali pożittiv, fuq il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji għall-membri tagħhom jew sħab, billi jerġgħu jiġu investiti l-profitti tagħhom biex jintlaħqu dawk l-għanijiet; jinnota li, minkejja d-differenzi legali u tal-attività tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali tal-UE, dawn għandhom numru ta' karatteristiċi komuni u rikonoxxibbli; | 1. Jafferma li n-negozji fl-ekonomija soċjali huma dawk in-negozji li l-objettiv prinċipali tagħhom huwa r-realizzazzjoni ***tal-iskop*** soċjali tagħhom, kemm jekk ħolqien ta' impjiegi għal gruppi vulnerabbli, il-forniment ta' servizzi lill-membri tagħhom jew, b'mod ġenerali, il-ġenerazzjoni ta' impatt soċjali u ambjentali pożittiv, fuq il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji għall-membri tagħhom jew sħab, billi jerġgħu jiġu investiti l-profitti tagħhom biex jintlaħqu dawk l-għanijiet; jinnota li, minkejja d-differenzi legali u tal-attività tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali tal-UE, dawn għandhom numru ta' karatteristiċi komuni u rikonoxxibbli; |

Or. fr

**Emenda 57**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha tirrikonoxxi d-diversità tal-intrapriżi soċjali u tiżgura li jittieħdu azzjonijiet fil-livell tal-UE biex jiġu appoġġjati l-intrapriżi soċjali ta' kull tip;*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jiddefinixxi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali bħala operaturi ekonomiċi, li jwettqu kompiti soċjali bħala l-għan primarju tagħhom;*** |

Or. de

**Emenda 59**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jitlob li l-UE timplimenta b'mod konsistenti l-miżuri kollha mħaddna fl-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali deċiża fl-2012 b'effett immedjat. Hija għandha tiżviluppa t-tieni stadju tal-inizjattiva mingħajr dewmien, twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tintensifika l-ekonomija soċjali bi sħubija mal-Istati Membri kif ukoll mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***tas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati ewlenin.*** |

Or. de

**Emenda 60**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma definiti abbażi tal-applikazzjoni tal-prinċipji li ġejjin:*** |
| | ***- Il-preċedenza tal-persuna u tal-għan soċjali fuq il-kapital*** |
| | ***- Il-governanza demokratika għall-membri tagħha*** |
| | ***- Il-kombinazzjoni tal-interessi: il-membri, l-utenti u l-interess ġenerali*** |
| | ***- Id-difiża u l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' solidarjetà u ta' responsabbiltà;*** |
| | ***- L-investiment mill-ġdid tal-profitti biex jiġi żgurat l-iżvilupp fit-tul tal-impriża*** |
| | ***- Is-sħubija ħielsa u miftuħa*** |
| | ***- It-tmexxija awtonoma u indipendenti tal-awtoritajiet pubbliċi*** |

Or. es

**Emenda 61**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jirrikonoxxi li l-impjiegi soċjali u*** |

***solidali huma ġeneralment fil-limitu tar-remunerazzjonijiet, li jipparteċipaw fid-dumping soċjali;***

Or. fr

**Emenda 62**
**Neoklis Sylikiotis, Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Lynn Boylan, Patrick Le Hyaric, Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jafferma li l-ekonomija soċjali ma tistax tieħu post l-Istat soċjali u s-servizzi pubbliċi*** |

Or. en

**Emenda 63**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jafferma li l-mudell tal-intraprenditorija soċjali f'ħafna każijiet jappella liż-żgħażagħ u jagħtihom opportunità biex jipprovdu reazzjonijiet innovattivi għall-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali attwali; f'dan il-kuntest jitlob l-implimentazzjoni immedjata tal-programm EaSI;*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jitlob lill-Kummissjoni tħabbar Qafas Legali għall-Intrapriżi Soċjali uniformi mal-Ewropa kollha permezz ta' statuti Ewropej għal kooperattivi, fondazzjonijiet u soċjetajiet mutwi, iżda sabiex dan toħolqu wkoll għall-assoċjazzjonijiet.*** |

Or. de

**Emenda 65**
**Neoklis Sylikiotis, Paloma López Bermejo, Lynn Boylan, Patrick Le Hyaric, Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma stabbiliti sew kemm fuq livell lokali kif ukoll reġjonali, li jippermettilhom li jifhmu aħjar liema huma dawk il-bżonnijiet speċifiċi u joffru prodotti u servizzi skonthom ***u jtejbu l-koeżjoni soċjali u territorjali***; | 2. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma stabbiliti sew kemm fuq livell lokali kif ukoll reġjonali, li jippermettilhom li jifhmu aħjar liema huma dawk il-bżonnijiet speċifiċi u joffru prodotti u servizzi skonthom; |

Or. en

**Emenda 66**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma stabbiliti sew kemm fuq livell | 2. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma stabbiliti sew kemm fuq livell |

| | |
|---|---|
| lokali kif ukoll reġjonali, li ***jippermettilhom*** li jifhmu aħjar liema huma dawk il-bżonnijiet speċifiċi u joffru prodotti u servizzi skonthom u jtejbu l-koeżjoni soċjali u territorjali; | lokali kif ukoll reġjonali, li ***jtihom il-vantaġġ*** li jifhmu aħjar liema huma dawk il-bżonnijiet speċifiċi u joffru prodotti u servizzi skonthom u jtejbu l-koeżjoni soċjali u territorjali; |

Or. it

**Emenda 67**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Sergio Gutiérrez Prieto, Elena Gentile, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma stabbiliti sew kemm fuq livell lokali kif ukoll reġjonali, li jippermettilhom li jifhmu aħjar liema huma dawk il-bżonnijiet speċifiċi u joffru prodotti u servizzi skonthom u jtejbu l-koeżjoni soċjali u territorjali; | 2. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma stabbiliti sew kemm fuq livell lokali kif ukoll reġjonali, li jippermettilhom li jifhmu aħjar liema huma dawk il-bżonnijiet speċifiċi u joffru prodotti u servizzi ***bbażati fuq il-komunità*** skonthom u jtejbu l-koeżjoni soċjali u territorjali; |

Or. en

**Emenda 68**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma stabbiliti sew kemm fuq livell lokali kif ukoll reġjonali, li jippermettilhom li jifhmu aħjar liema huma dawk il-bżonnijiet speċifiċi u joffru prodotti u servizzi skonthom u jtejbu l-koeżjoni soċjali u territorjali; | 2. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali huma stabbiliti sew kemm fuq livell lokali kif ukoll reġjonali, li jippermettilhom li jifhmu aħjar liema huma dawk il-bżonnijiet speċifiċi u joffru prodotti u servizzi skonthom u jtejbu l-koeżjoni soċjali u territorjali; ***il-kooperazzjoni tal-intrapriżi tal-ekonomija*** |

| | |
|---|---|
| | ***soċjali bejn il-pajjiżi u s-setturi għandha tiġi appoġġata, sabiex jiġu skambjati għarfien u prattiki, biex b'hekk jiġi appoġġat b'mod partikolari t-tkabbir tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u jiġu offruti benefiċċji soċjali korrispondenti f'dawk il-pajjiżi fejn dawn għadhom mhumiex disponibbli biżżejjed.*** |

Or. de

**Emenda 69**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jirrikonoxxi li din hija firxa relattivament żgħira ta' impjiegi;*** |

Or. fr

**Emenda 70**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipproponu pjanijiet u azzjonijiet biex itejbu l-appoġġ territorjali, speċjalment f'żoni bi żvantaġġi naturali jew demografiċi permanenti, li mhux biss jgħinu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali u l-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija soċjali, iżda wkoll jgħinu biex isaħħu l-koeżjoni soċjali u territorjali fl-UE u jindirizzaw b'suċċess l-isfidi demografiċi li l-UE qed tiffaċċja;*** |

Or. es

**Emenda 71**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda ta' numru ta' kumpaniji konvenzjonali li japplikaw fi ħdan l-istrateġiji ta' programmi kummerċjali tagħhom għar-responsabilità soċjali tan-negozji; ifakkar li l-applikazzjoni tal-istrateġiji tar-responsabbiltà soċjali tan-negozji mhijiex kondizzjoni suffiċjenti biex tkun ikkunsidrata bħala kumpanija tal-ekonomija soċjali; | 3. Jilqa' b'sodisfazzjon ***kbir*** iż-żieda ta' numru ta' kumpaniji konvenzjonali li japplikaw fi ħdan l-istrateġiji ta' programmi kummerċjali tagħhom għar-responsabilità soċjali tan-negozji; ifakkar li l-applikazzjoni tal-istrateġiji tar-responsabbiltà soċjali tan-negozji mhijiex kondizzjoni suffiċjenti biex tkun ikkunsidrata bħala kumpanija tal-ekonomija soċjali; |

Or. it

**Emenda 72**
**Maria Arena, Georgi Pirinski, Jens Nilsson, Elena Gentile, Sofia Ribeiro, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda ta' numru ta' kumpaniji konvenzjonali li japplikaw fi ħdan l-istrateġiji ta' programmi kummerċjali tagħhom għar-responsabilità ***soċjali*** tan-negozji; ifakkar li l-applikazzjoni tal-istrateġiji tar-responsabbiltà soċjali tan-negozji mhijiex kondizzjoni suffiċjenti biex tkun ikkunsidrata bħala kumpanija tal-ekonomija soċjali; | 3. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda ta' numru ta' kumpaniji konvenzjonali li japplikaw fi ħdan l-istrateġiji ta' programmi kummerċjali tagħhom għar-responsabilità ***soċjetali*** tan-negozji; ifakkar li l-applikazzjoni tal-istrateġiji tar-responsabbiltà soċjali tan-negozji mhijiex kondizzjoni suffiċjenti biex tkun ikkunsidrata bħala kumpanija tal-ekonomija soċjali; |

Or. fr

**Emenda 73**
**Iratxe García Pérez**
f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
**Barbara Matera**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jemmen li huwa importanti li jiġu determinati l-oriġini tad-disparità żgħira bejn is-sessi fl-intraprenditorija soċjali sabiex ikun jista' jittieħed kont ta' dawn il-fatturi minn dawk li jfasslu l-politiki filwaqt li tiġi promossa l-intraprenditorija soċjali u tradizzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 74**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inkluživ u li jiġġenera koeżjoni soċjali; | 4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali***, b'mod partikolari billi timmira li ttejjeb il-kwalità tas-servizzi aktar milli sempliċement tnaqqas l-ispejjeż,*** tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inkluživ u li jiġġenera koeżjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 75**
**Neoklis Sylikiotis, Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Lynn Boylan, Patrick Le Hyaric, Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Jemmen*** li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi ***b'mod sinifikanti*** għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inkluživ u li jiġġenera koeżjoni soċjali; | 4. ***Jafferma*** li l-innovazzjoni soċjali ***tista', flimkien ma' investimenti pubbliċi u s-salvagwardja tal-Istat soċjali,*** tikkontribwixxi għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inkluživ u li jiġġenera koeżjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 76**
**Enrique Calvet Chambon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inkluživ u li jiġġenera koeżjoni soċjali; | 4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inkluživ u li jiġġenera koeżjoni ***ekonomika,*** soċjali ***u territorjali***; |

Or. fr

**Emenda 77**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inkluživ u li jiġġenera koeżjoni soċjali; | 4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inkluživ u li jiġġenera koeżjoni soċjali; ***f'każ biss li l-*** |

***innovazzjoni soċjali hija mmirata lejn it-titjib fil-kwalità tas-servizzi b'mod aktar effiċjenti aktar milli sempliċement lejn it-tnaqqis tal-ispejjeż għad-detriment tal-kwalità tas-servizzi.***

Or. en

**Emenda 78**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inklużiv u li jiġġenera koeżjoni soċjali; | 4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inklużiv u li jiġġenera koeżjoni soċjali***, sakemm din timmira li ttejjeb il-kwalità tas-servizz u mhux li tnaqqas l-ispejjeż tiegħu b'detriment għall-kwalità tiegħu***; |

Or. fr

**Emenda 79**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inklużiv u li jiġġenera koeżjoni soċjali; | 4. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sisien ta' tkabbir fis-servizz tas-soċjetà l-iktar sostenibbli, inklużiv u li jiġġenera koeżjoni soċjali; ***jafferma li l-innovazzjoni soċjali kultant tintuża bħala skuża biex sempliċement jinqata' l-finanzjament u li l-innovazzjoni soċjali għandha tiġi mmirata lejn it-titjib fil-kwalità tas-*** |

*servizzi b'mod effiċjenti;*

Or. en

**Emenda 80**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***4a. Jilqa' b'sodisfazzjoni li erba' Stati Membri tal-UE (Spanja, Franza, il-Portugall u l-Belġju) għandhom leġiżlazzjoni nazzjonali fuq l-ekonomija soċjali, li l-Polonja nediet strateġija biex tiżviluppa l-ekonomija soċjali u li r-Rumanija qed tiddiskuti l-adozzjoni ta' regolament li jirregola l-ekonomija soċjali;*** |

Or. es

**Emenda 81**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha tirrikonoxxi u tappoġġja r-rwol tal-fornituri ta' servizzi soċjali mhux għall-profitt, politikament u finanzjarjament;*** |

Or. en

**Emenda 82**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jinnota li, biex jissaħħu l-ħiliet intraprenditorjali, il-professjonaliżmu, il-kondizzjonijiet għall-iżvilupp u t-tkabbir tan-negozji tal-ekonomija*** soċjali ***u l-ħolqien ta' ċentri ta' innovazzjoni*** soċjali***, huwa essenzjali li jiġu promossi l-iskambji ma' imprendituri soċjali innovattivi oħra, l-akkademja u l-investituri*** soċjali; | 5. ***Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi l-iskambji fost intrapriżi soċjali innovattivi, id-dinja akkademika u l-partijiet interessati tal-investiment*** soċjali***, sabiex jissaħħu l-ħiliet intraprenditorjali, il-kondizzjonijiet għall-iżvilupp u t-tkabbir tan-negozji tal-ekonomija*** soċjali ***u s-servizzi soċjali, kif ukoll il-ħolqien ta' ċentri ta' innovazzjoni*** soċjali; |

Or. en

**Emenda 83**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinnota li, biex jissaħħu l-ħiliet intraprenditorjali, il-professjonaliżmu, il-kondizzjonijiet għall-iżvilupp u t-tkabbir tan-negozji tal-ekonomija soċjali u l-ħolqien ta' ċentri ta' innovazzjoni soċjali, huwa essenzjali li jiġu promossi l-iskambji ma' imprendituri soċjali innovattivi oħra, l-akkademja u l-investituri soċjali; | 5. Jinnota li, biex jissaħħu l-ħiliet intraprenditorjali, il-professjonaliżmu, il-kondizzjonijiet għall-iżvilupp u t-tkabbir tan-negozji tal-ekonomija soċjali u l-ħolqien ta' ċentri ta' innovazzjoni soċjali, huwa essenzjali li jiġu promossi l-iskambji ma' imprendituri soċjali innovattivi oħra, ***l-iskejjel,*** l-akkademja u l-investituri soċjali***, filwaqt li titqies ukoll il-perspettiva tal-partijiet soċjali, l-interlokutur ewlieni li għandha ssir referenza għalih***; |

Or. it

**Emenda 84**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinnota li, biex jissaħħu l-ħiliet intraprenditorjali, il-professjonaliżmu, il-kondizzjonijiet għall-iżvilupp u t-tkabbir tan-negozji tal-ekonomija soċjali u l-ħolqien ta' ċentri ta' innovazzjoni soċjali, huwa essenzjali li jiġu promossi l-iskambji ma' imprendituri soċjali innovattivi oħra, l-akkademja ***u*** l-investituri soċjali; | 5. Jinnota li, biex jissaħħu l-ħiliet intraprenditorjali, il-professjonaliżmu, il-kondizzjonijiet għall-iżvilupp u t-tkabbir tan-negozji tal-ekonomija soċjali u l-ħolqien ta' ċentri ta' innovazzjoni soċjali, huwa essenzjali li jiġu promossi l-iskambji ma' imprendituri soċjali innovattivi oħra, l-akkademja***,*** l-investituri soċjali ***u l-benefiċċjarji ta' dawn in-negozji soċjali***; |

Or. fr

**Emenda 85**
**Enrique Calvet Chambon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinnota li, biex jissaħħu l-ħiliet intraprenditorjali, il-professjonaliżmu, il-kondizzjonijiet għall-iżvilupp u t-tkabbir tan-negozji tal-ekonomija soċjali u l-ħolqien ta' ċentri ta' innovazzjoni soċjali, huwa essenzjali li jiġu promossi l-iskambji ma' imprendituri soċjali innovattivi oħra, l-akkademja u l-investituri soċjali; | 5. Jinnota li, biex jissaħħu l-ħiliet intraprenditorjali, il-professjonaliżmu, il-kondizzjonijiet għall-iżvilupp u t-tkabbir tan-negozji tal-ekonomija soċjali u l-ħolqien ta' ċentri ta' innovazzjoni soċjali, huwa essenzjali li jiġu promossi l-iskambji ma' imprendituri soċjali innovattivi oħra, l-akkademja u l-investituri soċjali ***filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet tas-soċjetà***; |

Or. fr

**Emenda 86**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Istati Membri kollha għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet neċessarji għal sistema tal-innovazzjoni soċjali fl-Istati Membri kollha, billi l-ekonomija soċjali waħedha ma tistax tiġġieled is-sintomi u l-kawżi tal-iktar problemi soċjali urġenti.*** |

Or. de

**Emenda 87**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jirrikonoxxi li l-UE hija 'l bogħod milli tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija 2020, speċjalment dawk ***relatati mal-impjiegi***, l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u li l-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għal mudell ekonomiku sostenibbli, intelliġenti u inklussiv f'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija 2020; | 6. Jirrikonoxxi li l-UE hija 'l bogħod milli tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija 2020, speċjalment dawk ***li jimmiraw għal xogħol ta' kwalità***, l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u li l-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għal mudell ekonomiku sostenibbli, intelliġenti u inklussiv f'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija 2020; ***jistieden lill-Istati Membri jħeġġu l-mudell ta' intraprenditorija kooperattiva, li jiddependi fuq metodu ta' deċiżjoni demokratika u jippermetti lill-membri tiegħu jsiru impjegaturi, ħaddiema u konsumaturi responsabbli; ifakkar li l-kooperattivi u intrapriżi oħra li ġejjin mill-ekonomija soċjali u solidali jipparteċipaw fil-mudell soċjali Ewropew u s-suq uniku, u għalhekk jistħoqqilhom ikunu totalment rikonoxxuti u appoġġjati, kif previst mill-kostituzzjonijiet ta' ċerti Stati Membri u diversi testi fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*** |

Or. fr

**Emenda 88**
**Enrique Calvet Chambon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jirrikonoxxi li l-UE hija 'l bogħod milli tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija 2020, speċjalment dawk relatati mal-impjiegi, l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u li l-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għal mudell ekonomiku sostenibbli, intelliġenti u inklussiv f'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija 2020; | 6. Jirrikonoxxi li l-UE hija 'l bogħod milli tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija 2020, speċjalment dawk relatati mal-impjiegi, l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u li l-ekonomija soċjali ***għandha*** tikkontribwixxi għal mudell ekonomiku ***aktar*** sostenibbli, ***aktar*** intelliġenti u ***aktar*** inklussiv f'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija 2020; |

Or. fr

**Emenda 89**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jirrikonoxxi li l-UE hija ’l bogħod milli tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija 2020, speċjalment dawk relatati mal-impjiegi, l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u li l-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għal mudell ekonomiku sostenibbli, intelliġenti u inklussiv f’konformità mal-objettivi tal-Istrateġija 2020; | 6. Jirrikonoxxi li l-UE hija ’l bogħod milli tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija 2020, speċjalment dawk relatati mal-impjiegi, l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar ***u l-esklużjoni soċjali,*** u li l-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għal mudell ekonomiku sostenibbli, intelliġenti u inklussiv f’konformità mal-objettivi tal-Istrateġija 2020; |

Or. it

**Emenda 90**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jirrikonoxxi li l-UE hija ’l bogħod milli tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija 2020, speċjalment dawk relatati mal-impjiegi, l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u li l-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għal mudell ekonomiku sostenibbli, intelliġenti u ***inklussiv*** f’konformità mal-objettivi tal-Istrateġija 2020; | 6. Jirrikonoxxi li l-UE hija ’l bogħod milli tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija ***Ewropa*** 2020, speċjalment dawk relatati mal-impjiegi ***ta’ kwalità għolja***, l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u li l-ekonomija soċjali tikkontribwixxi għal mudell ekonomiku sostenibbli, intelliġenti u ***inklużiv*** f’konformità mal-objettivi tal-Istrateġija ***Ewropa*** 2020; |

Or. en

**Emenda 91**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jindika li x-xejriet demografiċi huma relatati ma’ mudelli ġodda ta’ konsum. It-tixjiħ tal-popolazzjoni fil-pajjiżi żviluppati qed iwassal għal żieda fid-domanda fuq is-servizzi soċjali, iżda ser jipprovdi wkoll opportunitajiet biex jinħolqu negozji soċjalment responsabbli;*** |

Or. en

**Emenda 92**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Filwaqt li jinnota li l-UE ma laħqitx*** |

***il-miri tal-Istrateġija 2020, jitlob li fir-reviżjoni tagħha jingħata biżżejjed spazju lill-ekonomija soċjali bħala strument għall-kisba ta' dawn l-objettivi, qabel kollox it-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali;***

Or. it

**Emenda 93**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jirrikonoxxi prova ulterjuri tal-falliment ta' politika tal-impjieg tal-Unjoni Ewropea għal 30 sena;*** |

Or. fr

**Emenda 94**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali, minħabba l-karattru soċjali tagħha u inklużiv, tipprovdi impjiegi għall-gruppi ***l-aktar vulnerabbli, li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, is-solidarjetà u l-koeżjoni*** soċjali; | 7. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali, minħabba l-karattru soċjali tagħha u inklużiv, tipprovdi impjiegi għall-gruppi ***li fil-maġġoranza tal-każijiet huma esklużi mis-suq tax-xogħol miftuħ, biex b'hekk jingħata kontribut għas-solidarjetà, il-koeżjoni*** soċjali ***kif ukoll it-tkabbir ekonomiku***; |

Or. en

**Emenda 95**
**Enrique Calvet Chambon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali, minħabba l-karattru soċjali tagħha u inklużiv, tipprovdi impjiegi għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, is-solidarjetà u l-koeżjoni soċjali; | 7. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali, minħabba l-karattru ***aktar*** soċjali tagħha u inklużiv, tipprovdi impjiegi għall-gruppi l-aktar vulnerabbli ***u mbiegħda tas-suq tax-xogħol***, li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, is-solidarjetà u l-koeżjoni soċjali; |

Or. fr

**Emenda 96**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jemmen li n-negozji fl-ekonomija soċjali jistgħu jiżviluppaw proċessi li jippermettu ġestjoni aktar effiċjenti, responsabbli u trasparenti ta' riżorsi li qed jonqsu u jistgħu jżidu l-implimentazzjoni ta' miżuri soċjalment responsabbli;*** |

Or. en

**Emenda 97**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jappoġġja l-idea li l-intrapriżi soċjali jistgħu jiffurmaw kategorija speċifika ta' kumpaniji bl-istatus legali proprja tagħha u objettivi oħra apparti s-sempliċi qligħ għall-partijiet interessati;*** |

Or. en

**Emenda 98**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu n-negozji tal-ekonomija soċjali fil-pjanijiet ta' azzjoni relatati mal-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu ***aħjar*** in-negozji tal-ekonomija soċjali ***u s-servizzi soċjali*** fil-pjanijiet ta' azzjoni relatati mal-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali***, sabiex jilliberaw il-potenzjal ta' ħolqien tax-xogħol f'dan is-settur***; |

Or. fr

**Emenda 99**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Brando Benifei, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu n-negozji tal-ekonomija soċjali ***fil-pjanijiet ta' azzjoni relatati mal-impjiegi u l-integrazzjoni*** soċjali; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu n-negozji tal-ekonomija soċjali ***fil-Programmi Nazzjonali ta' Riformi u fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi skont il-Pajjiż tas-semestru Ewropew, sabiex*** |

| | |
|---|---|
| | ***jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija 2020 ta' xogħol, ta' tnaqqis tal-faqar u ta' innovazzjoni*** soċjali; |

Or. fr

**Emenda 100**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Elena Gentile, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu n-negozji tal-ekonomija soċjali fil-pjanijiet ta' azzjoni relatati mal-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu n-negozji tal-ekonomija soċjali ***u s-servizzi soċjali*** fil-pjanijiet ta' azzjoni relatati mal-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali ***bil-għan li jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi fis-settur***; |

Or. en

**Emenda 101**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu n-negozji tal-ekonomija soċjali fil-pjanijiet ta' azzjoni relatati mal-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu n-negozji tal-ekonomija soċjali fil-pjanijiet ta' azzjoni relatati mal-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali ***sabiex jgħinu jisfruttaw il-potenzjal tal-ħolqien tal-impjiegi fis-settur***; |

Or. en

**Emenda 102**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Emilian Pavel, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jistieden lill-Istati Membri biex ***fil-Programm*** Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ jinkludu miżuri biex jippromwovu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni soċjali; | 9. Jistieden lill-Istati Membri biex ***fil-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni*** Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ ***u fil-Programmi Operazzjonali nazzjonali għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ*** jinkludu miżuri biex jippromwovu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 103**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-Programm Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ jinkludu miżuri biex jippromwovu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni soċjali; | 9. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-Programm Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ jinkludu miżuri biex jippromwovu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni soċjali; ***ifakkar li l-pakkett ta' prefinanzjament tal-Inizjattiva Ewropea għaż-Żgħażagħ żdied bi 30 % fl-2015, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jħaffu l-implimentazzjoni tal-proġett ta' professjonalizzazzjoni għaż-żgħażagħ;*** |

Or. fr

**Emenda 104**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-Programm Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ jinkludu miżuri biex jippromwovu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni soċjali; | 9. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-Programm Nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ jinkludu miżuri biex jippromwovu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni soċjali; ***jenfasizza wkoll kif il-Garanzija għaż-Żgħażagħ għandha tiġi strutturata;*** |

Or. it

**Emenda 105**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Swieq pubbliċi*** |

Or. fr

**Emenda 106**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jbatu minn diffikultajiet fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi; jitlob li tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fl-akkwist pubbliku permezz ta' pariri xierqa u li jkunu ssimplifikati l-proċeduri li għandhom jiffaċċjaw; jistieden li fl-akkwist pubbliku jipprevalu l-offerti li*** | ***imħassar*** |

***jġibu iktar valur ekonomiku u soċjali iktar mill-prezz l-iktar baxx, inklużi kriterji soċjali jew ambjentali fl-akkwist pubbliku;***

Or. fr

**Emenda 107**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jbatu minn diffikultajiet fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi; jitlob li ***tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fl-akkwist pubbliku permezz ta' pariri xierqa u li jkunu ssimplifikati l-proċeduri li għandhom jiffaċċjaw; jistieden li fl-akkwist pubbliku jipprevalu l-offerti li jġibu iktar valur ekonomiku u*** soċjali ***iktar mill-prezz l-iktar baxx, inklużi kriterji soċjali jew ambjentali fl-akkwist*** pubbliku; | 10. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jbatu minn diffikultajiet fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi; jitlob li ***ssir traspożizzjoni u implimentazzjoni rapida u effettiva tad-Direttivi 2014/24/UE, 2014/25/UE u 2014/23/UE dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Konċessjonijiet bil-għan li tinkiseb parteċipazzjoni ogħla tal-intrapriżi tal-ekonomija*** soċjali ***fi ħdan il-proċeduri tal-offerti għall-kuntratt*** pubbliku ***u biex jiġu żgurati servizzi ta' kwalità aċċessibbli u affordabbli għaċ-ċittadini kollha***; |

Or. en

**Emenda 108**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jbatu minn diffikultajiet fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi; jitlob li tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fl- | 10. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jbatu minn diffikultajiet fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi***, tali diffikultajiet jistgħu jinkludu ostakli li huma relatati*** |

| | |
|---|---|
| akkwist pubbliku permezz ta' pariri xierqa ***u*** li jkunu ssimplifikati l-proċeduri li għandhom jiffaċċjaw; jistieden li fl-akkwist pubbliku jipprevalu l-offerti li jġibu iktar valur ekonomiku u soċjali iktar mill-prezz l-iktar baxx, inklużi kriterji soċjali jew ambjentali fl-akkwist pubbliku; | ***mad-daqs u l-kapaċità finanzjarja tagħhom***; jitlob li tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fl-akkwist pubbliku permezz ta' pariri xierqa**,** li jkunu ssimplifikati l-proċeduri li għandhom jiffaċċjaw ***u li jitfasslu offerti b'tali mod li dawn ikunu aċċessibbli għall-operaturi ż-żgħar***; jistieden li fl-akkwist pubbliku jipprevalu l-offerti li jġibu iktar valur ekonomiku u soċjali iktar mill-prezz l-iktar baxx, inklużi kriterji soċjali jew ambjentali fl-akkwist pubbliku; |

Or. en

**Emenda 109**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jbatu minn diffikultajiet fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi; jitlob li tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fl-akkwist pubbliku permezz ta' pariri xierqa u li jkunu ssimplifikati l-proċeduri li għandhom jiffaċċjaw; jistieden li fl-akkwist pubbliku jipprevalu l-offerti li jġibu iktar valur ekonomiku u soċjali iktar mill-prezz l-iktar baxx, inklużi kriterji soċjali jew ambjentali fl-akkwist pubbliku; | 10. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jbatu minn diffikultajiet fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi; jitlob li tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fl-akkwist pubbliku permezz ta' pariri xierqa u li jkunu ssimplifikati l-proċeduri li għandhom jiffaċċjaw ***kif ukoll ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġodda adottati fl-2014 dwar il-kuntratti riservati għall-intrapriżi soċjali u solidali***; jistieden li fl-akkwist pubbliku jipprevalu l-offerti li jġibu iktar valur ekonomiku u soċjali iktar mill-prezz l-iktar baxx, inklużi kriterji soċjali jew ambjentali fl-akkwist pubbliku; |

Or. fr

**Emenda 110**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod xieraq id-Direttivi ġodda dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Konċessjonijiet sabiex jippermettu lill-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jagħmlu użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar kuntratti riżervati u tar-reġimi ta' akkwist pubbliku simplifikati għas-servizzi soċjali, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll lokali, għat-trawwim tar-rwol tal-ekonomija soċjali, l-intrapriżi soċjali u s-servizzi soċjali u għall-promozzjoni tal-inklużjoni u l-innovazzjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Emilian Pavel, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma ***tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku, li tinkludi klawsoli u kriterji soċjali, biex jippromwovu, fost l-oħrajn, l-inklużjoni u l-innovazzjoni*** soċjali***; iħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***biex fil-proċessi tal-akkwist pubbliku jinkludu l-klawsoli u l-kriterji*** soċjali; | 11. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma ***tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Konċessjonijiet li jimmiraw li jwasslu n-nefqa u l-investimenti pubbliċi għal tkabbir sostenibbli u impjieg, integrazzjoni*** soċjali ***u koeżjoni territorjali; jistieden għallhekk*** lill-Istati Membri ***biex jimplimentaw b'mod xieraq il-prinċipji tal-akkwist pubbliku skont l-obbligi ambjentali,*** soċjali ***u tal-liġi tax-xogħol u lill-awtoritajiet kontraenti kollha fil-livell nazzjonali u lokali għal użu wiesgħa tal-MEAT (l-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża) ibbażata*** |

| | |
|---|---|
| | ***fuq l-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja u li tinkludi aspetti kwalitattivi, ambjentali u soċjali bħala l-kriterju ta' għoti prinċipali fi ħdan il-proċessi tal-offerti u s-selezzjoni kollha***; |

Or. en

**Emenda 112**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku, li tinkludi klawsoli u kriterji soċjali, biex jippromwovu***, fost l-oħrajn,*** l-inklużjoni u l-innovazzjoni soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-proċessi tal-akkwist pubbliku jinkludu ***l-klawsoli u*** l-kriterji soċjali; | 11. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku, li tinkludi klawsoli u kriterji soċjali, biex jippromwovu l-inklużjoni u l-innovazzjoni soċjali***, kif ukoll kuntratti riservati li jippromwovu l-impjieg tal-persuni żvantaġġati u l-persuni b'diżabilità***; iħeġġeġ lill-Istati Membri***, fit-traspożizzjoni tagħhom tad-Direttiva, jiddependu fuq dawn il-possibilitajiet li din toffri*** biex fil-proċessi tal-akkwist pubbliku jinkludu l-kriterji soċjali***, il-klawsoli soċjali u l-kuntratti riservati***; |

Or. fr

**Emenda 113**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku, li tinkludi klawsoli u kriterji soċjali, biex jippromwovu, fost l-oħrajn, l-inklużjoni u | 11. Jilqa' b'sodisfazzjon ***kbir*** ir-riforma tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku, li tinkludi klawsoli u kriterji soċjali, biex jippromwovu, fost l-oħrajn, l-inklużjoni u |

| | |
|---|---|
| l-innovazzjoni soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-proċessi tal-akkwist pubbliku jinkludu l-klawsoli u l-kriterji soċjali; | l-innovazzjoni soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-proċessi tal-akkwist pubbliku jinkludu l-klawsoli u l-kriterji soċjali; |

Or. it

**Emenda 114**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma ***tad-direttiva*** dwar l-akkwist pubbliku, li tinkludi klawsoli u kriterji soċjali, biex jippromwovu, fost l-oħrajn, l-inklużjoni u l-innovazzjoni soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-proċessi tal-akkwist pubbliku jinkludu l-klawsoli u l-kriterji soċjali; | 11. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma ***tad-Direttiva*** dwar l-akkwist pubbliku, li tinkludi klawsoli u kriterji soċjali, biex jippromwovu, fost l-oħrajn, l-inklużjoni u l-innovazzjoni soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-proċessi tal-akkwist pubbliku jinkludu l-klawsoli u l-kriterji soċjali ***li mhux biss isaħħu l-pożizzjoni tal-persuni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol u jippermettu potenzjalment li mezzi baġitarji jiġu żburżati b'mod aktar effettiv, iżda jkunu wkoll ta' benefiċċju għall-awtoritajiet lokali, li – minbarra li jiksbu l-objettiv tal-proċessi tal-akkwist pubbliku – jimmobilizzaw ukoll lil dawk qiegħda u jipprovdu impjieg għall-persuni b'diżabilità, eċċ.***; |

Or. pl

**Emenda 115**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma tad- | 11. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma tad- |

| | |
|---|---|
| direttiva dwar l-akkwist pubbliku, li tinkludi klawsoli u kriterji soċjali, biex jippromwovu, fost l-oħrajn, l-inklużjoni u l-innovazzjoni soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-proċessi tal-akkwist pubbliku jinkludu l-klawsoli u l-kriterji soċjali; | direttiva dwar l-akkwist pubbliku, li tinkludi klawsoli u kriterji soċjali, biex jippromwovu, fost l-oħrajn, l-inklużjoni u l-innovazzjoni soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-proċessi tal-akkwist pubbliku jinkludu l-klawsoli u l-kriterji soċjali***, inaqqsu l-obbligi burokratiċi, jissimplifikaw il-proċeduri u jwettqu miżuri iktar effikaċi kontra l-korruzzjoni***; |

Or. it

**Emenda 116**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jilmenta li l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa tal-Kummissjoni ma ssemmix l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u l-kontribut potenzjali tagħhom għall-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni; jiddeplora l-fatt li l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali ma tqisx il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess sħiħ, ugwali u mingħajr restrizzjonijiet għal kulħadd għal teknoloġiji, swieq u telekomunikazzjoni diġitali ġodda, b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni b'diżabilità;*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Emilian Pavel, Brando Benifei**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***11a. Jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali bbażati fuq it-teknoloġija jista' jkollhom rwol kruċjali fl-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà b'mod faċli u kosteffikaċi u għalhekk għandu jkollhom rwol prinċipali fi ħdan l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali;***

Or. en

**Emenda 118**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jinnota li huwa impossibbli li jiġu influwenzati l-kumitati ta' sejħa għall-offerti tal-Istati Membri, irrispettivament mill-grad tagħhom, għaliex dawn għandhom jibqgħu totalment indipendenti;*** |

Or. fr

**Emenda 119**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jilmenta li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali saħansitra jkollhom problemi aktar mill-intrapriżi tradizzjonali biex jiffinanzjaw lilhom infushom, sew mil-lat pubbliku jew privat; | 12. Jilmenta li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali ***jiġu ostakolati u*** saħansitra jkollhom problemi aktar mill-intrapriżi tradizzjonali biex jiffinanzjaw lilhom infushom, sew mil-lat pubbliku jew privat; |

Or. it

**Emenda 120**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jilmenta li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali saħansitra jkollhom problemi aktar mill-intrapriżi tradizzjonali biex jiffinanzjaw lilhom infushom, sew mil-lat pubbliku jew privat; | 12. Jilmenta li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali saħansitra jkollhom problemi aktar mill-intrapriżi tradizzjonali biex jiffinanzjaw lilhom infushom, sew mil-lat pubbliku jew privat ***u għalhekk jitlob lis-settur pubbliku u lill-fornituri tas-servizzi finanzjarji jiżviluppaw firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji adegwati li jappoġġaw b'mod effettiv lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fl-istadji kollha tan-negozji tagħhom, speċjalment waqt l-istabbiliment; kif ukoll biex joħolqu kundizzjonijiet leġiżlattivi mfassla apposta għall-"Intrapriżi soċjali", sabiex jinġiebu flimkien investituri potenzjali u fondi speċjalizzati.*** |

Or. de

**Emenda 121**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jinnota li l-aċċess għall-finanzjament huwa mxekkel min-nuqqas ta' għarfien tar-realtà ta' dawn l-intrapriżi mill-amministraturi tal-intermedjarji finanzjarji; jenfasizza l-ħtieġa għal taħriġ aħjar ta' dawn l-amministraturi dwar l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali biex jiġi faċilitat l-aċċess | 13. Jinnota li l-aċċess għall-finanzjament huwa mxekkel min-nuqqas ta' għarfien tar-realtà ta' dawn l-intrapriżi mill-amministraturi tal-intermedjarji finanzjarji; jenfasizza l-ħtieġa għal taħriġ aħjar ta' dawn l-amministraturi dwar l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali biex jiġi faċilitat l-aċċess |

| | |
|---|---|
| tagħhom għall-finanzjament; | tagħhom għall-finanzjament ***u għalhekk jitlob li jiġi introdott siġill ta' kwalità għall-"Intraprenditorija Soċjali", li jagħmilha aktar faċli għall-investituri sabiex jidentifikaw fondi b'portafoll li nħoloq minn intrapriżi tal-ekonomija soċjali, speċjalment l-ewwel nett tal-Fond ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropew.*** |

Or. de

**Emenda 122**
**Nicola Caputo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jenfasizza l-bżonn ta' stimolu akbar tal-ħolqien u l-appoġġ ta' netwerks ta' intrapriża soċjali, sabiex jippromwovu sinerġiji fl-organizzazzjoni, l-iskambju u t-tixrid ta' teknoloġiji kif ukoll l-iżvilupp ta' servizzi bejn realtajiet produttivi ta' reġjuni differenti;*** |

Or. it

**Emenda 123**
**Nicola Caputo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13b. Jenfasizza l-bżonn tal-promozzjoni ta' djalogu aktar strutturat bejn SMEs, intrapriżi soċjali u istituzzjonijiet finanzjarji, permezz ta' pjattaformi onlajn iddedikati;*** |

Or. it

**Emenda 124**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Brando Benifei, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Regolament dwar Fondi tal-Intraprenditorija Soċjali ***Ewropej***; | 14. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Regolament dwar Fondi tal-Intraprenditorija Soċjali ***Ewropea, iżda jilmenta l-allokazzjoni baġitarja relattivament dgħajfa tiegħu meta titqies il-parteċipazzjoni tas-settur tal-ekonomija soċjali fl-ekonomija Ewropea u l-koeżjoni soċjali tagħha***; |

Or. fr

**Emenda 125**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Regolament dwar Fondi tal-Intraprenditorija Soċjali Ewropej; | 14. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Regolament dwar Fondi tal-Intraprenditorija Soċjali Ewropej ***u jitlob li l-Fond Soċjali Ewropew jipprevedi linja baġitarja speċifika għall-investimenti soċjali***; |

Or. it

**Emenda 126**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza r-rwol li għandhom l-istrumenti tal-intraprenditorija soċjali ***ta'*** EaSI u l-fondi strutturali l-oħra u programmi Ewropej fit-tisħiħ finanzjarju tagħhom; | 15. Jenfasizza r-rwol li għandhom l-istrumenti tal-intraprenditorija soċjali ***tal-programm*** EaSI u l-fondi strutturali l-oħra u programmi Ewropej fit-tisħiħ finanzjarju tagħhom; ***jenfasizza l-allokazzjoni baġitarja insuffiċjenti tal-programm EaSI fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP); jikkunsidra li huwa meħtieġ li jiġi żgurat u ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tal-programm EaSI għall-intrapriżi u s-servizzi soċjali bbażati fuq il-komunità; għalhekk, jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu punti ta' kuntatt nazzjonali jew one-stop-shops biex jgħinu lill-atturi tal-ekonomija soċjali fl-aċċess tagħhom għall-iskemi ta' finanzjament tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 127**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15 Jenfasizza r-rwol li għandhom l-istrumenti tal-intraprenditorija soċjali ta' EaSI ***u*** l-fondi strutturali ***l-oħra*** u programmi Ewropej fit-tisħiħ finanzjarju tagħhom; | 15 Jenfasizza r-rwol li għandhom l-istrumenti tal-intraprenditorija soċjali ta' EaSI ***kif ukoll il-***fondi strutturali u programmi Ewropej fit-tisħiħ finanzjarju tagħhom; |

Or. es

**Emenda 128**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza r-rwol li għandhom l-istrumenti tal-intraprenditorija soċjali ta' EaSI u l-fondi strutturali l-oħra u programmi Ewropej fit-tisħiħ finanzjarju tagħhom; | 15. Jenfasizza r-rwol li għandhom l-istrumenti tal-intraprenditorija soċjali ta' EaSI u l-fondi strutturali l-oħra u programmi Ewropej fit-tisħiħ finanzjarju tagħhom***; jenfasizza l-ħtieġa għal aktar sensibilizzazzjoni rigward opportunitajiet ta' finanzjament***; |

Or. pl

**Emenda 129**
**Sven Schulze, David Casa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a(ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jilqa' l-fatt li ċertu proporzjon tar-riżorsi finanzjarji tal-EaSI huwa riżervat għall-finanzjament ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali;*** |

Or. de

**Emenda 130**
**Sven Schulze, David Casa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15b. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex teżamina jekk il-limitu stabbilit taħt l-EaSI għas-self lil intrapriżi tal-ekonomija soċjali jikkorrispondix mal-kundizzjonijiet tas-suq;*** |

Or. de

**Emenda 131**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jenfasizza l-ħtieġa li ***jiġu appoġġati l-intrapriżi*** tal-ekonomija soċjali b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE; iqis bħala neċessarju t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament tal-ekonomija soċjali permezz ta' forom varji ta' finanzjament, bħal fondi Ewropej, fondi ta' kapital ta' riskju, mikrokreditu u finanzjament kollettiv (crowdfunding); | 16. Jenfasizza l-ħtieġa li ***jingħata appoġġ konkret lill-intrapriżi*** tal-ekonomija soċjali b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE; iqis bħala neċessarju t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament tal-ekonomija soċjali permezz ta' forom varji ta' finanzjament, bħal fondi Ewropej, fondi ta' kapital ta' riskju, mikrokreditu u finanzjament kollettiv (crowdfunding); |

Or. it

**Emenda 132**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE; iqis bħala neċessarju t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament tal-ekonomija soċjali permezz ta' forom varji ta' finanzjament, bħal fondi Ewropej, fondi ta' kapital ta' riskju, mikrokreditu u finanzjament kollettiv (crowdfunding); | 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE ***li joħolqu ċirku virtuż bejn ir-realtajiet differenti***; iqis bħala neċessarju t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament tal-ekonomija soċjali permezz ta' forom varji ta' finanzjament, bħal fondi Ewropej, fondi ta' kapital ta' riskju, mikrokreditu u finanzjament kollettiv (crowdfunding); |

Or. it

**Emenda 133**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE; iqis bħala neċessarju t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament tal-ekonomija soċjali permezz ta' forom varji ta' finanzjament, bħal fondi Ewropej, fondi ta' kapital ta' riskju, mikrokreditu u finanzjament kollettiv (crowdfunding); | 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE ***u jitlob impenn ċar mill-Istati Membri u l-UE biex jipprovdu r-riżorsi finanzjarji meħtieġa għal din is-soluzzjoni***; ***għaldaqstant*** iqis bħala neċessarju t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament tal-ekonomija soċjali permezz ta' forom varji ta' finanzjament, bħal fondi Ewropej, fondi ta' kapital ta' riskju, mikrokreditu u finanzjament kollettiv (crowdfunding); |

Or. de

**Emenda 134**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE; iqis bħala neċessarju t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament tal-ekonomija soċjali permezz ta' forom varji ta' finanzjament, bħal fondi Ewropej, fondi ta' kapital ta' riskju, mikrokreditu u finanzjament kollettiv (crowdfunding); | 16. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE; iqis bħala neċessarju t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament tal-ekonomija soċjali permezz ta' forom varji ta' finanzjament, bħal fondi Ewropej, fondi ta' kapital ta' riskju, mikrokreditu u finanzjament kollettiv (crowdfunding); ***ifakkar ir-rwol fundamentali tal-awtoritajiet pubbliċi sabiex jiżguraw li l-finanzjament,*** |

| | |
|---|---|
| | ***irrispettivament min-natura tiegħu, ikun għas-servizz tal-interess ġenerali tal-attivitajiet ta' dan is-settur, u mhux ridott sempliċiment għal riċerka tal-profitt; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw il-ħolqien tal-fondi ta' investiment li jagħtu prijorità lill-impatt soċjali u mhux lir-riċerka tar-redditu finanzjarju;*** |

Or. fr

**Emenda 135**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jitlob lill-Istati Membri jsaħħu permezz tal-istituzzjonijiet lokali s-servizzi pubbliċi (pereżempju s-saħħa u l-edukazzjoni) u jużawhom bħala forza ta' tmexxija għal titjib tal-kwalità tas-servizzi sabiex jingħataw opportunitajiet ta' xogħol u jiżdied il-livell tal-prestazzjonijiet li jagħtu bl-għan li jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali;*** |

Or. it

**Emenda 136**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tapplika l-aktar flessibilità ***possibbli fl-għajnuna statali*** għal intrapriżi tal-ekonomija soċjali, u biex tiffaċilita l-fehim | 17. ***Jindika li r-Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhomx ikunu impediment għall-finanzjament pubbliku għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u s-*** |

u l-applikazzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-għajnuna statali dirett lejn dawn l-intrapriżi;

***servizzi soċjali; għalhekk,*** jistieden lill-Kummissjoni biex tapplika l-aktar flessibilità ***fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat*** għal intrapriżi tal-ekonomija soċjali ***u s-servizzi soċjali***, u biex tiffaċilita l-fehim u l-applikazzjoni ***korretta*** mill-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-għajnuna statali dirett lejn dawn l-intrapriżi ***u s-servizzi soċjali***;

Or. en

**Emenda 137**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Madankollu, jistidinhom jimplimentaw immedjatament mezzi ta' kontroll tal-użu ta' dawn il-fondi;*** |

Or. fr

**Emenda 138**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Brando Benifei, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. ***Jitlob li jiġi kkunsidrat l-investiment fl-ekonomija soċjali meta jiġu valutati l-proġetti*** tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku; | 18. ***Jiddispjaċih li r-Regolament*** tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku ***jsemmi s-settur tal-ekonomija soċjali fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu biss u jillimita l-għanijiet ta' dawn l-investimenti fl-Artikolu 5 §2 għall-kunċett inqas wiesgħa tas-"settur soċjali"***; |

Or. fr

**Emenda 139**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jitlob li ***jiġi kkunsidrat l-investiment fl-ekonomija soċjali*** meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku; | 18. Jitlob li meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku ***jiġu kkunsidrati dawk il-proġetti marbuta mal-ekonomija soċjali***; |

Or. es

**Emenda 140**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jitlob li jiġi kkunsidrat l-investiment fl-ekonomija soċjali meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku; | 18. ***Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tippromwovi l-approċċ għall-investiment soċjali kif ippreżentat fil-Pakkett ta' Investiment Soċjali;*** jitlob li jiġi kkunsidrat l-investiment fl-ekonomija soċjali meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku; |

Or. en

**Emenda 141**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jitlob li jiġi kkunsidrat l-investiment fl- | 18. Jitlob li ***jibqa' jiġi promoss l-approċċ*** |

| | |
|---|---|
| ekonomija soċjali meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku; | ***ta' investiment soċjali skont il-pakkett ta' investiment soċjali, kif ukoll li*** jiġi kkunsidrat l-investiment fl-ekonomija soċjali meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku; |

Or. de

**Emenda 142**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jitlob li jiġi kkunsidrat l-investiment fl-ekonomija soċjali meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku; | 18. Jitlob li jiġi kkunsidrat l-investiment fl-ekonomija soċjali ***u s-servizzi soċjali*** meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku; |

Or. en

**Emenda 143**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jitlob li jiġi kkunsidrat l-investiment fl-ekonomija soċjali meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku; | 18. ***Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tippromwovi l-approċċ għall-investiment soċjali kif ippreżentat fil-Pakkett ta' Investiment Soċjali;*** jitlob li jiġi kkunsidrat l-investiment fl-ekonomija soċjali meta jiġu valutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku; |

Or. en

**Emenda 144**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Georgi Pirinski, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jiddispjaċih li l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu, maħluqa fi sħubija bejn intrapriżi tal-ekonomija soċjali, huma l-aktar spiss esklużi mill-aċċess għall-fondi għall-SMEs; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi eċċezzjoni ġdida għad-definizzjoni legali tal-SMEs, simili għal dawk eżistenti għall-kumpaniji pubbliċi konġunti, kumpaniji tal-kapital ta' riskju, jew universitajiet jew ċentri ta' riċerka mingħajr skop ta' qligħ, sabiex tippermetti li kumpanija li għadha kemm tiftaħ tkun kwalifikata bħala kumpanija awtonoma, anke meta kumpanija oħra jkollha, waħedha jew flimkien ma' intrapriżi oħra, 25 % jew iktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fi ħdan il-bord tad-diretturi tagħha;*** |

Or. fr

**Emenda 145**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jiddispjaċih li l-kumpaniji li għadhom kemm fetħu maħluqa mill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali f'ħafna każijiet huma esklużi mill-fondi għall-SMEs. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi eċċezzjoni ġdida għad-definizzjoni ta' kumpanija online li diġà teżisti għall-universitajiet jew ċentri ta' riċerka mhux għall-profitt, investituri*** |

| | |
|---|---|
| | ***istituzzjonali u ċerti awtoritajiet lokali awtonomi*** |

Or. es

**Emenda 146**
**Neoklis Sylikiotis, Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Lynn Boylan, Patrick Le Hyaric, Tania González Peñas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-intraprenditorija u l-prinċipji tal-ekonomija soċjali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 147**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu ***l-intraprenditorija u*** l-prinċipji tal-ekonomija soċjali; | 19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-prinċipji tal-ekonomija soċjali; ***jistieden lill-Istati Membri jħeġġu l-implimentazzjoni fi ħdan l-universitajiet ta' inkubaturi tan-negozju ta' intrapriżi soċjali u solidali, u sabiex jiftħu l-aċċess għalihom lill-istudenti kollha;*** |

Or. fr

**Emenda 148**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-intraprenditorija u l-prinċipji tal-ekonomija soċjali; | 19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-intraprenditorija u ***l-intraprenditorija soċjali*** u ***kif ukoll*** il-prinċipji tal-ekonomija soċjali; |

Or. es

**Emenda 149**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-intraprenditorija u l-prinċipji tal-ekonomija soċjali; | 19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-intraprenditorija***, l-edukazzjoni intraprenditorjali*** u l-prinċipji tal-ekonomija soċjali; |

Or. en

**Emenda 150**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Georgi Pirinski, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-intraprenditorija u l-prinċipji tal-ekonomija soċjali***;*** | 19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-intraprenditorija u l-prinċipji tal-ekonomija soċjali***, u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jiddefinixxu ruħhom bl-applikazzjoni tal-valuri li ġejjin:*** |

***- Preċedenza tal-persuna u tal-iskop soċjali fuq il-kapital***

***- Governanza demokratika mill-membri tagħha***

***- L-għaqda tal-interessi tal-membri, l-utenti tagħha u l-interess ġenerali***

***- Id-difiża u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' responsabilità***

***- L-investiment mill-ġdid tas-surplus f'miri ta' żvilupp fit-tul, jew fil-provvista tas-servizzi ta' interess għall-membri, jew ta' interess ġenerali.***

***- Adeżjoni libera u miftuħa***

***- Ġestjoni awtonoma u indipendenti tas-setgħat pubbliċi.***

Or. fr

**Emenda 151**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-intraprenditorija u l-prinċipji tal-ekonomija soċjali; | 19. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-kurrikulu u t-taħriġ jinkludu l-intraprenditorija u l-prinċipji tal-ekonomija soċjali ***u jitlob l-introduzzjoni ta' taħriġ dwar l-ekonomija soċjali fl-iskejjel***; |

Or. pl

**Emenda 152**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jinnota li l-ekonomija soċjali tista' tgħin biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-għadd ta' żgħażagħ qiegħda fl-UE; jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu l-parteċipazzjoni akbar tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fil-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ta' sistemi ta' taħriġ doppju;*** |

Or. es

**Emenda 153**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu aġġustament xieraq taċ-ċentri tax-xogħol sabiex ikunu jistgħu jipprovdu indikazzjonijiet effikaċi dwar kif biħsiebhom iwettqu l-attività tagħhom fis-settur tal-intraprenditorija soċjali;*** |

Or. it

**Emenda 154**
**Iratxe García Pérez**
f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
**Barbara Matera**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jinnota li xi intrapriżi soċjali huma kompetittivi u għandhom pożizzjoni ta' | 20. Jinnota li xi intrapriżi soċjali huma kompetittivi u għandhom pożizzjoni ta' |

| | |
|---|---|
| tmexxija fis-settur tagħhom, filwaqt li oħrajn jeħtieġu kompetenza biex jimplimentaw, jiżviluppaw u jamministraw in-negozji tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta’ taħriġ immirati u mfassla speċifikament għall-intraprendituri tas-settur soċjali biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien bażiku ta’ ġestjoni tan-negozju; | tmexxija fis-settur tagħhom, filwaqt li oħrajn jeħtieġu kompetenza biex jimplimentaw, jiżviluppaw u jamministraw in-negozji tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta’ taħriġ immirati u mfassla speċifikament għall-intraprendituri tas-settur soċjali***, u b’mod partikolari għall-gruppi b’rati ta’ impjieg aktar baxxi bħall-ħaddiema nisa, żgħażagħ u dawk żvantaġġati,*** biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien bażiku ta’ ġestjoni tan-negozju; |

Or. en

**Emenda 155**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jinnota li xi intrapriżi ***soċjali*** huma kompetittivi u għandhom pożizzjoni ta' tmexxija fis-settur tagħhom, filwaqt li oħrajn jeħtieġu kompetenza biex jimplimentaw, jiżviluppaw u jamministraw in-negozji tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta' taħriġ immirati u mfassla speċifikament għall-intraprendituri tas-settur soċjali biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien bażiku ta' ġestjoni tan-negozju; | 20. Jinnota li xi intrapriżi ***tal-ekonomija soċjali*** huma kompetittivi u għandhom pożizzjoni ta’ tmexxija fis-settur tagħhom, filwaqt li oħrajn jeħtieġu kompetenza biex jimplimentaw, jiżviluppaw u jamministraw in-negozji tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta’ taħriġ immirati u mfassla speċifikament għall-intraprendituri tas-settur soċjali biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien bażiku ta’ ġestjoni tan-negozju; |

Or. es

**Emenda 156**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jinnota li xi intrapriżi soċjali huma kompetittivi u għandhom pożizzjoni ta' tmexxija fis-settur tagħhom, filwaqt li oħrajn jeħtieġu kompetenza biex jimplimentaw, jiżviluppaw u jamministraw in-negozji tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta' taħriġ immirati u mfassla speċifikament għall-intraprendituri tas-settur soċjali biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien bażiku ta' ġestjoni tan-negozju; | 20. Jinnota li xi intrapriżi ***tal-ekonomija*** soċjali huma kompetittivi u għandhom pożizzjoni ta' tmexxija fis-settur tagħhom, filwaqt li oħrajn jeħtieġu kompetenza biex jimplimentaw, jiżviluppaw u jamministraw in-negozji tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta' taħriġ immirati u mfassla speċifikament għall-intraprendituri tas-settur soċjali biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien bażiku ta' ġestjoni tan-negozju; |

Or. fr

**Emenda 157**
**Elena Gentile, Brando Benifei, Jens Nilsson**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja fost il-ħaddiema aktar anzjani u dawk qiegħda ***biex jiffaċilitaw il-konverżjoni tagħhom għall-ekonomija*** soċjali fit-tul; | 21. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja fost il-ħaddiema aktar anzjani u dawk qiegħda ***anke permezz tal-intrapriżi tal-ekonomija*** soċjali fit-tul ***sabiex jiffaċilitaw l-introduzzjoni fid-dinja tax-xogħol***; |

Or. fr

**Emenda 158**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jistieden lill-Istati Membri biex | 21. Jistieden lill-Istati Membri biex |

| | |
|---|---|
| jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja ***fost il-ħaddiema*** aktar anzjani u dawk qiegħda biex jiffaċilitaw il-konverżjoni tagħhom għall-ekonomija soċjali fit-tul; | jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja ***u l-assistenza għall-ħaddiema*** aktar anzjani u dawk qiegħda biex jiffaċilitaw il-konverżjoni tagħhom għall-ekonomija soċjali fit-tul; |

Or. en

**Emenda 159**
**Enrique Calvet Chambon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja fost il-ħaddiema aktar anzjani u dawk qiegħda biex jiffaċilitaw il-konverżjoni tagħhom ***għall-ekonomija*** soċjali fit-tul; | 21. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja fost il-ħaddiema aktar anzjani u dawk qiegħda biex jiffaċilitaw il-konverżjoni tagħhom ***għas-suq tax-xogħol permezz tal-ekonomija*** soċjali fit-tul; |

Or. fr

**Emenda 160**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu ***t-tagħlim*** tul il-ħajja fost il-ħaddiema aktar anzjani u dawk qiegħda biex jiffaċilitaw il-konverżjoni tagħhom għall-ekonomija soċjali fit-tul; | 21. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu ***wkoll it-tagħlim*** tul il-ħajja fost il-ħaddiema aktar anzjani u dawk qiegħda***, inklużi l-persuni b'diżabilità, li jkomplu jitħabtu mal-ostakli fiżiċi u tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,*** biex jiffaċilitaw il-konverżjoni tagħhom għall-ekonomija soċjali fit-tul; |

Or. hu

**Emenda 161**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a(ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Ifakkar li fehim tajjeb tad-drittijiet tal-bniedem huwa dimensjoni essenzjali sabiex jintlaħaq l-għan soċjali tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali; jitlob lill-Istati Membri biex b'hekk jiżviluppaw programmi ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex iħarrġu lil professjonisti fis-settur soċjali fir-rigward tal-implimentazzjoni korretta tal-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa;*** |

Or. de

**Emenda 162**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal ta' programmi bħal Erasmus +, u b'hekk jinkoraġġixxu l-iskambju ta' studenti u għalliema kif ukoll intraprendituri innovattivi oħra;*** |

Or. es

**Emenda 163**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jinnota li din is-sitwazzjoni drammatika tal-ħaddiema aktar anzjani u dawk qiegħda fit-tul, hija relatata direttament u ċertament mal-falliment tal-politika tal-Unjoni Ewropea għal dawn l-aħħar 30 sena;*** |

Or. fr

**Emenda 164**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21b. Jinnota li s-setturi b'firxa wiesgħa ta' tkabbir u ħolqien ta' impjiegi bħas-settur abjad jew is-settur aħdar huma setturi fejn l-ekonomija soċjali hija preżenti ħafna; għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ f'dawn is-setturi;*** |

Or. es

**Emenda 165**
**Iratxe García Pérez**
f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
**Barbara Matera**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jilmenta dwar il-livell baxx ta' għarfien li għandha l-ekonomija soċjali fil-livell | 22. Jilmenta dwar il-livell baxx ta' għarfien li għandha l-ekonomija soċjali fil-livell |

| | |
|---|---|
| Ewropew; jikkunsidra li t-titjib fil-ġbir tad-data, l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba fil-livell Ewropew u żieda ikbar fil-mezzi tal-ekonomija soċjali u l-kisbiet tagħha jgħinu fil-parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà fl-ekonomija soċjali, billi settur , jingħata fehim, rikonoxximent u viżibbiltà aħjar; | Ewropew; jikkunsidra li t-titjib fil-ġbir tad-data ***diżaggregata skont is-sess***, l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba fil-livell Ewropew u żieda ikbar fil-mezzi tal-ekonomija soċjali u l-kisbiet tagħha jgħinu fil-parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà fl-ekonomija soċjali, billi settur, jingħata fehim, rikonoxximent u viżibbiltà aħjar; |

Or. en

**Emenda 166**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jilmenta dwar il-livell baxx ta' għarfien li għandha l-ekonomija soċjali fil-livell Ewropew; jikkunsidra li t-titjib fil-ġbir tad-data, l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba fil-livell Ewropew u żieda ikbar fil-mezzi tal-ekonomija soċjali u l-kisbiet tagħha jgħinu fil-parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà fl-ekonomija soċjali, billi settur, jingħata fehim, rikonoxximent u viżibbiltà aħjar; | 22. Jilmenta ***bil-qawwa*** dwar il-livell baxx ta' għarfien li għandha l-ekonomija soċjali fil-livell Ewropew; jikkunsidra li t-titjib fil-ġbir tad-data, l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba fil-livell Ewropew u żieda ikbar fil-mezzi tal-ekonomija soċjali u l-kisbiet tagħha jgħinu fil-parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà fl-ekonomija soċjali, billi settur , jingħata fehim, rikonoxximent u viżibbiltà aħjar; |

Or. it

**Emenda 167**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jaqbel mal-ħolqien ta' pjattaforma diġitali multilingwi għall-iskambju tal-informazzjoni mmirata lejn l-intrapriżi soċjali, l-inkubaturi tan-negozji, ir-*** |

| | |
|---|---|
| | ***raggruppamenti kummerċjali u l-investituri fl-intrapriża soċjali u li jiġu ffaċilitati l-kondiviżjoni u l-aċċess għall-informazzjoni bħala forma ta' appoġġ mill-programmi tal-UE; jemmen li l-iżvilupp ta' tali pjattaforma għandha tkun ippreċeduta minn konsultazzjonijiet mal-gruppi interessati;*** |

Or. en

**Emenda 168**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq pjattaformi ta' komunikazzjoni li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni tal-informazzjoni dwar l-ekonomiji soċjali, l-iskambju tal-prattiki tajbin, il-qsim tal-opportunitajiet, l-għarfien u l-iskambju tal-esperjenzi differenti;*** |

Or. it

**Emenda 169**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Iħeġġeġ studju tal-impatt addizzjonali urġenti fuq il-piż tal-ekonomija soċjali u solidali;*** |

Or. fr

**Emenda 170**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' inkubaturi tan-negozju għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali; | 24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' inkubaturi tan-negozju għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali***, kif ukoll biex jimplimentaw il-pjattaforma fuq l-Internet li diġà ġiet stipulata speċifikament għall-iskambju tad-data minn investituri soċjali u intraprendituri soċjali (Social Innovation Europe Platform) u jippromwovuha b'mod effettiv.*** |

Or. de

**Emenda 171**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' inkubaturi tan-negozju għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali; | 24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' inkubaturi tan-negozju għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali***, jippromwovu r-relazzjonijiet bejn l-iskejjel u l-universitajiet u l-intrapriżi soċjali u jżidu n-nefqa pubblika fl-ekonomija soċjali***; |

Or. it

**Emenda 172**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Sergio Gutiérrez Prieto, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Istati Membri biex ***jieħdu kont*** ta' prattiki aħjar dwar ***l-adattament tar-reġimi fiskali*** nazzjonali ***għall-benefiċċju*** tal-intrapriżi soċjali u l-investiment soċjali; | 25. Jistieden lill-Istati Membri biex ***iaħħu l-iskambju*** ta' prattiki aħjar dwar ***l-appoġġ*** nazzjonali ***għat-trawwim*** tal-intrapriżi ***u s-servizzi*** soċjali u l-investiment soċjali; |

Or. en

**Emenda 173**
**Verónica Lope Fontagné**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' prattiki aħjar dwar l-adattament tar-reġimi fiskali nazzjonali għall-benefiċċju tal-intrapriżi ***soċjali*** u l-investiment soċjali; | 25. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' prattiki aħjar dwar l-adattament tar-reġimi fiskali nazzjonali għall-benefiċċju tal-intrapriżi ***tal-ekonomija soċjali*** u l-investiment soċjali; |

Or. es

**Emenda 174**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' prattiki aħjar dwar l-adattament tar-reġimi fiskali nazzjonali għall-benefiċċju tal-intrapriżi soċjali u l-investiment soċjali; | 25. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' prattiki aħjar dwar l-adattament tar-reġimi fiskali nazzjonali għall-benefiċċju tal-intrapriżi soċjali u l-investiment soċjali ***u biex jintroduċu inċentivi bħat-tnaqqis fit-taxxi mfassal apposta għall-individwi bbażat fuq*** |

| | |
|---|---|
| | ***karatteristiċi speċifiċi determinati abbażi tal-leġiżlazzjoni għal grupp partikolari (id-diżabilità)***; |

Or. hu

**Emenda 175**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' prattiki aħjar dwar l-adattament tar-reġimi fiskali nazzjonali għall-benefiċċju tal-intrapriżi soċjali u l-investiment soċjali; | 25. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' prattiki aħjar dwar l-adattament tar-reġimi fiskali nazzjonali għall-benefiċċju tal-intrapriżi soċjali u l-investiment soċjali ***u jnaqqsu l-piż fiskali fuq l-intrapriżi soċjali u l-ħaddiema tagħhom***; |

Or. it

**Emenda 176**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Protezzjoni tad-drittijiet*** |

Or. fr

**Emenda 177**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25 – punt 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1) Jitlob lill-Kummissjoni ssegwi b'attenzjoni l-miżuri konkreti implimentati mill-Istati Membri sabiex tiżgura lil kull min jagħżel it-triq tal-intraprenditorija soċjali u solidali l-istess drittijiet ta' protezzjoni soċjali, protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fix-xogħol;*** |

Or. fr

**Emenda 178**
**Karima Delli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25 – punt 2 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2) Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-ebda miżura implimentata mill-Istati Membri ma tkun ostaklu għall-moviment liberu tal-ħaddiema, u li b'hekk kull min għażel it-triq tal-intraprenditorija soċjali u solidali jkun jista' jiżviluppa l-attività tiegħu fejn jixtieq fit-territorju tal-Unjoni Ewropea;*** |

Or. fr

**Emenda 179**
**Maria Arena, Jens Nilsson, Sofia Ribeiro, Elena Gentile, Georgi Pirinski, Brando Benifei, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jitlob lill-Kummissjoni, skont l-Istrateġija ta' Ruma, adottata mir-rappreżentanti Ewropej tal-ekonomija*** |

*soċjali fi tmiem il-konferenza organizzata mill-President Taljan tal-Kunsill tal-Ministri fis-17 u t-18 ta' Novembru 2014:*

*- li toħloq unità speċifika ddedikata għall-promozzjoni tal-ekonomija soċjali, li għandha biżżejjed riżorsi adegwati fir-rigward tal-importanza tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa; jiddispjaċih f'dan ir-rgward li l-Kummissjoni tidher li tippreferi fużjoni tal-unitajiet fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern bit-titolu "Clusters, social business and social entrepreneurship" li ma jirrappreżentawx l-intrapriżi kollha tal-ekonomija soċjali u lanqas ir-realtà tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa magħmula prinċipalment min kooperattivi, mutwi, fondazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u forom ġodda ta' intrapriżi soċjali;*

*- li tipprepara, f'kollaborazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti tas-settur, Inizjattiva ġdida għall-promozzjoni tal-ekonomija soċjali, li tirrikonoxxi l-importanza tagħha fl-Ewropa u li tappoġġja aktar l-iżvilupp tagħha, sabiex timmassimizza l-kontribut tagħha għal żvilupp sostenibbli u ġust tal-ħolqien tax-xogħol ta' kwalità fl-Ewropa.*

*- li tirrikonoxxi legalment fil-livell Ewropew l-intrapriżi kollha tal-ekonomija soċjali (mutwi, fondazzjonijet ta' interess ġenerali u assoċjazzjonijiet ta' interess ġenerali) billi tipproponi Direttiva li ttihom status u tippermettilhom li japprofittaw bis-sħiħ mis-suq intern*

*- li tissimplifika l-istatus tal-kumpaniji kooperattivi.*

Or. fr

**Emenda 180**
**Brando Benifei, Richard Howitt, Jutta Steinruck, Emilian Pavel, Vilija Blinkevičiūtė, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***25a. Jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ id-djalogu soċjali fl-ekonomija soċjali sabiex tiffaċilita l-innovazzjoni soċjali, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u biex tirrikonoxxi bis-sħiħ il-potenzjal ta' ħolqien tal-impjiegi tas-settur;*** |

Or. en